# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Guramentat Nru.: 665/2017 MH**

**Illum, 1 ta' Dicembru, 2017**

**HSBC Bank Malta plc (C3177)**

**Vs**

**James Attard (K.I. Numru 486178M)**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors** tal-Bank attur li gie prezentat fil-24 ta' Lulju 2017 li permezz tieghu esponew:

1. *"Illi l-intimat ingħata self mill-Bank rikorrenti fl-ammont sitta u għoxrin elf, seba' mija u sittin Lira Maltin (Lm26,760.00), illum ekwivalenti għal (**€ 62,334.03**) ai termini ta' kuntratt magħmul in atti tan-Nutar Dottor Roland John Wadge (Att Nru: 127/2005) tal-24 ta' Ġunju, 2005 [kopja tal-imsemmi att notarili qed jiġi anness bħala **Dok. HSBC 1**];*

2. *Illi l-intimat effettwa biss pagamenti minimi (li ġew allokati għal interessi illi laħqu ddekorrew) u ma baqax jonora l-ħlasijiet miftehma. Għaldaqstant ai*

*termini tal-'General Conditions Regulating Loans', formanti parti mis-Sanction Letter tat-18 ta' Mejju, 2005 relattiva għall-facilita` mogħtija, senjatament il-klawsola 14 – "Events of Default" (vide* **Dok. HSBC 2***), l-intimat tilef il-benefiċċju taż-żmien, b'dan illi huwa preżentement debitur tal-bank rikorrenti fl-ammont sħiħ misluf ta' tnejn u sittin elf, sitt mija u disgħin Ewro punt erbgħa u tmenin ċenteżmu (€62,690.84) bħala somma kapitali, u dan skond l-istatement anness datat 20 ta' Gunju, 2017 (vide* **Dok. HSBC 3***);*

3. *Illi inoltre huma dovuti ukoll interessi skond ir-rati imposti ai termini tas-sanction letter (ara Klawżola 2) u tal-kundizzjonijiet tas-self, u dan sal-4 ta' Ġunju, 2012, mentri hemm dovuti interessi bit-8% fuq il-kapital minn dakinhar tal-5 ta' Ġunju, 2012 sad-data tal-effettiv pagament, u dan insegwitu għall-ħruġ ta' ittra ufficjali bin-numru 1727/2012 (vide* **Dok. HSBC 4***) li permezz tagħha d-debitur gie debitament notifikat illi huwa kien iddekada mill-beneficcju taz-zmien mogħti lilu u li għalhekk il-bilanc intier tas-self, inkluż l-imgħaxijiet li akkumulaw, kien sar dovut kollu f'daqqa, u dan minhabba l-ispejjez legali marbuta mal-istess;*

4. *Illi l-imgħax totali li laħqu ddekorrew sal-14 ta' Marzu, 2017 jammontaw għal erbgħa u tletin elf ħames mija u disgħa u tletin Euro u tmienja u disgħin ċenteżmu (€ 34,539.98);*

5. *Illi minkejja diversi interpellazzjonijiet, inkluż premeżż tal-imsemmija ittra uffiċjali, l-intimat baqa' inadempjenti;*

6. *Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża fil-konfront tal-intimat;*

***GĦALDAQSTANT**, il-Bank rikorrenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kwalsiasi dikjarazzjoni oħra neċessarja u opportuna:*

*[i] Tiddikjara illi l-intimat m'onorax il-pagamenti miftiehma u b'hekk iddekada mill-benefiċċju taż-żmien;*

*[ii] Tiddikjara illi l-intimat huwa debitur tal-Bank rikorrenti fis-somma totali ta' sebgħa u disgħin elf, mitejn u tletin Ewro u tnejn u tmenin centezmu (€97,230.82) dovuta ai termini tal-kuntratt ta' self u bejgħ tal-24 ta' Ġunju, 2005 magħmul in atti tan-nutar Dr. Roland John Wadge, u konsistenti in kwantu għas-somma ta' tnejn u sittin elf, sitt mija u disgħin Ewro u erbgħa u tmenin ċenteżmu (€62,690.84) f'kapital u in kwantu għall-ammont ta' erbgħa u tletin elf, ħames mija u disgħa u tletin Ewro u tmienja u disgħin ċentezmu (€34,539.98) f'imgħaxijiet ikkalkulati kif preċedentement spjegat, u ċjoe bir-rati ndikati fil-kuntratt tas-self sal-4 ta' Ġunju, 2012 u bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena minn dakinhar 'il quddiem sal-14 ta' Marzu, 2017, b'riserva għal imgħaxijiet ulterjuri;*

*[iii] Tikkundanna lill-intimat jhallas lill-bank rikorrenti s-somma totali ta' sebgħa u disgħin elf, mitejn u tletin Ewro punt tnejn u tmenin centezmu (€97,230.82) dovuta kif fuq spjegat bl-imgħaxijiet ulterjuri u bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittri uffiċjali suċċitati mibgħuta lill-intimat li huwa minn issa nġunt għas-subizzjoni."*

Rat id-digriet taghha tas-27 ta' Lulju 2017.[1]

Rat li s-socjeta' konvenuta debitament notifikata baqghet ma ntavolat ebda risposta guramentata.[2]

Rat il-verbal taghha tal-11 ta' Ottubru 2017 fejn giet prezentata nota b' affidavit ta' Doreen Cunningham bhala impjegata tal-Bank attur,[3] fejn ikkonfermat is-somma dovuta.

Konsegwentement tilqa' t-talbiet attrici u:

1. **Tiddikjara illi l-intimat m'onorax il-pagamenti miftiehma u b'hekk iddekada mill-benefiċċju taż-żmien.**

2. **Tiddikjara illi l-intimat huwa debitur tal-Bank rikorrenti fis-somma totali ta' sebgħa u disgħin elf, mitejn u tletin Ewro u tnejn u tmenin centezmu (€97,230.82) dovuta ai termini tal-kuntratt ta' self u bejgħ tal-24 ta' Ġunju, 2005 magħmul in atti tan-nutar Dr. Roland John Wadge, u konsistenti in kwantu għas-somma ta' tnejn u sittin elf, sitt mija u disgħin Ewro u erbgħa u tmenin ċenteżmu (€62,690.84) f'kapital u in kwantu għall-ammont ta' erbgħa u tletin elf, ħames mija u disgħa u tletin Ewro u tmienja u disgħin ċentezmu (€34,539.98) f'imgħaxijiet ikkalkulati kif preċedentement spjegat, u ċioe bir-rati ndikati fil-kuntratt tas-self sal-4 ta' Ġunju, 2012 u bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena minn dakinhar 'il quddiem sal-14 ta' Marzu, 2017, b'riserva għal imgħaxijiet ulterjuri;**

3. **Tikkundanna lill-intimat jhallas lill-bank rikorrenti s-somma totali ta' sebgħa u disgħin elf, mitejn u tletin Ewro punt tnejn u tmenin centezmu**

[1] Fol. 22 tal-process
[2] Fol. 23a tal-process
[3] Fol. 28 sa fol. 31 tal-process

**(€97,230.82) dovuta kif fuq spjegat bl-imgħaxijiet ulterjuri u bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittri uffiċjali suċċitati.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imhallef**

**Kristie Xuereb**
**Dep. Reg.**